MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 1382/1999/1

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Helen Borg**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija, tlieta u sittin lira u wiehed u disghin centezmu (Lm763.91) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 494092 (skond kif jirrizulta mill-"statement" Dok A anness mal-avviz) liema servizz gie stallat fil-fond "West Houe Ville" Naxxar Road, Lija u dana kif jirrizulta mill-kopja tal-applikazzjoni annessa mal-avviz u mmarkata Dok B. Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Marzu, 1996 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi a fol 2 u a fol 3 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fil-19 ta' Frar 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm736.91,0 bl-imghaxijiet legali mill-15 ta' Marzu 1996 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Marzu 1996 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

--------------------------------TMIEM--------------------------------